**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 1054/2004**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mark Mercieca)**

**vs**

**Philip Seguna**

**Illum, 21 ta' Frar 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Philip Seguna**, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 989848M.

Akkuzat:

a. Talli f'Tas Sliema, fil-lejl ta' bejn il-10 u 1-11 ta' Novembru 2004, ikkommetta serq ta' vettura ta' ghamla Bobcat Fiat Kobelco Skid

Loader Shovel mudell SL 40B, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, li jaccedi l-LM1000, bil-mezz, bil-hin u x-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Paul Polidano u persuni ohra.

b. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar xhur, xjentement laqgha ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-akkuzat huwa akkuzat (1) b'serq tal-vettura u (2) b'ricettazzjoni.

Illi l-Prosekuzzjoni resqet bhala prova lill-Ufficjal Investigattiv u membri ohra tal-Korp li hadu r-rapport, u kienu xhieda tal-istqarrija. Imbaghad xehdu bhala xhieda tal-prosekuzzjoni Ian Faruugia u Paul Polidano. Ian Farrugia ghamel ir-rapport mal-Pulizija li l-bobcat ma nstabitx, filwaqt li Paul Polidano ghamel ir-rapport f'Novembru 2004 li ra l-bobcat Haz-Zebbug, fil-proprjetà tal-imputat. Ian Farrugia ikkonferma li l-bobcat hija dik misruqa ghalkemm kienet qed tinzebagh. Ikkonferma wkoll li kienet l-istess bobcat peress li kien jaf kif jahdem il-

banju u li ma kien hemm ebda difett f'dan ir-rigward. L-akkuzat fl-istqarrija tieghu jghid li l-bobcat kellha difett ghaliex il-banju ma kienx jitla'.

Il-kawza bdiet tigi differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-Prosekuzzjoni ghal snin shah, il-bicca l-kbira tad-differimenti imputabbli lill-Prosekuzzjoni u senjatament mis-seduta tal-10 ta' Marzu 2005 sas-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, kwazi ghaxar snin, f'liema zmien ma sar xejn ghajr li dawn il-proceduri twalu inutilment. Minkejja li f'dik is-seduta l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016, il-Prosekuzzjoni talbet differiment sabiex tirregola ruhha u l-provi tal-Prosekuzzjoni gew definittivament maghluqa fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2016.

Illi l-akkuzat cahad mill-bidunett l-involviment tieghu fl-allegata serqa tal-imsemmija bobcat. Jghid illi huwa xtraha ghall-prezz ta' tnax-il mitt Lira Maltin minn ghand certu Mario x-Xott li mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rrizulta li fil-fatt jismu Pawlu u mhux Mario. Il-Prosekuzzjoni targumenta li dan ma setax ikun ghaliex dik il-persuna mietet xi zmien qabel ittiehdet il-bobcat però ma gabet l-ebda prova dwar dan.

Illi mill-provi limitati mressqa mill-Prosekuzzjoni l-ewwel akkuza ta' serq ma tirrizultax stante li ma gie pruvat l-ebda ness bejn is-serq tal-vettura u kif din giet fil-pussess tal-akkuzat. Ma ngabet l-ebda prova li kien proprju l-akkuzat li seraq din il-bobcat mill-post fejn kienet tas-Sliema. L-akkuzat jinsisti li hu xtraha. Ma ngabet l-ebda prova kuntrarja u ghalhekk l-beneficcju tad-dubju, fil-kamp Kriminali jmur favur l-akkuzat. Konsegwentament il-Qorti qed tillibera lill-akkuzat mill-ewwel akkuza.

Fir-rigward tat-tieni akkuza ta' ricettazzjoni hemm elementi ohra li ghandhom jigu kunsidrati. Jirrizulta, mir-ritratti esebiti mill-Prosekuzzjoni li l-akkuzat kien qieghed jizbogh il-vettura u dan meta skond Ian Farrugia din ma kellhiex bzonn ghax kienet ghadha gdida. Jirrizulta wkoll illi l-akkuzat ma kellu l-ebda dokumenti tal-bobcat u lanqas cavetta biex iqabbadha. Zgur li l-akkuzat kellu jinduna li meta jsir negozju wiehed ghandu jinghata c-cavetta tal-vettura u d-dokumenti relattivi. Ghalhekk l-akkuzat kellu jinduna li kien hemm xi haga mhux flokha dwar din il-bobcat. Jirrizulta wkoll li l-akkuzat qal li din kellha difett fil-banju però meta saqha Farrugia huwa tella' l-banju bla problema ghax kien jaf bis-safety switch li kien gie installat, filwaqt li l-akkuzat ma kienx jaf bih. Jirrizulta wkoll li ghaxar snin qabel l-akkuzat kien xtara bobcat simili ghall-prezz ta' elfejn Lira u ghalhekk minn hemm kien jaf li l-prezz li hallas kien ferm baxx ghal din il-bobcat. L-akkuzat jghid li xtraha ghall-parts. Din il-verzjoni ma tregix ghax jekk tixtri vettura ghall-parts ma hemm l-ebda raguni ghalfejn tizboghha.

Illi l-akkuzat irritorna il-bobcat misruq u l-parte civile ha pussess taghha, skond il-verbal tas-seduta tat-03 ta' Dicembru 2004, a folio 6 tal-process.

Illi minn dan kollu ma hemmx dubju li l-akkuzat kien jaf illi l-vettura li xtara ma kelliex origini legittimi u minkejja dan xtraha u laqaghha u zammha ghandu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti ssib li t-tieni akkuza giet ampjament pruvata mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 334 et sequitur, u 284 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-akkuzat ghal sitt xhur

prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' snin.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur